MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1200/1996/1

**MacPherson Mediterranean Limited**

**vs**

**J. Lautier Company Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 3 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta’ attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjatha;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal seba’ mija u sitta u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm736.59).

Illi avolja nterpellata biex thallas, inkluza permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 1996, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut kif is-socjeta' attrici tikkonferma permezz ta' affidavit anness (Dok. "A") *ai termini* ta' l-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' Lm736.59, bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata;

B'interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 1996 kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 6 sa 8 tal-process;

Rat il-verbali tas-17 ta' April 1996 fejn deher biss Dr. Joseph P. Bonnici ghas-socjeta' konvenuta li filwaqt li ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni, informa lill-Qorti li s-socjeta' rapprezentata minnu ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti. Il-Qorti laqghet it-talba tieghu u pprefiggiet terminu ta' ghoxrin gurnata ghall-prezentata tal-istess.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tat-30 ta' April 1996 a fol. 14 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati *sia* fil-fatt u *sia* fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li s-socjeta' eccipjenti mhiex debitur tas-socjeta' attrici fl-ebda ammont.

2. Illi *inoltre*, ghandu jirrizulta li l-istess socjeta' eccipjenti hija kreditur tas-socjeta' attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tal-24 ta' Gunju 1996; tas-27 ta' Novembru 1996; tal-5 ta' Frar 1997 u tal-11 ta' April 1997 fejn peress li ma deher hadd, u minkejja li l-kawza kienet giet ripetutament differita ghal probabbli cessjoni, il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici tat-3 ta' Lulju 1997 a fol. 22 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata sabiex titkompla u tigi deciza skond il-ligi. Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-18 ta' Lulju 1997 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbali tat-30 ta' Jannar 1998; tal-1 ta' April 1998; tat-3 ta' April 1998; tad-19 ta' Gunju 1998 fejn Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' attrici ddikjara li l-partijiet qed jippruvaw jittransigu; tat-30 ta' Novembru 1998 fejn ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici Andrew Magri Overend informa lill-Qorti li t-tentattivi ghall-ftehim fallew; tal-10 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti laqghet it-talba biex is-socjeta' konvenuta tressaq il-provi taghha permezz tal-procedura tal-affidavits u tal-25 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tal-25 ta' Ottubru 1999 li biha pprezentat l-affidavits ta' Joseph Lautier u Lourdes Fenech Lautier a tenur tal-Att XVIII tal-1984.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tat-3 ta' Novembru 1999 li biha rriservat il-kontro-ezami tax-xhieda pprezentata bl-avvidavits mis-socjeta' konvenuta.

Rat il-verbali tas-17 ta’ Marzu 2000 fejn xehed Michael Attard Montalto; tal-10 ta’ Mejju 2000; tal-11 ta’ Ottubru 2000; tat-30 ta’ Jannar 2001 fejn xehdu Rita Gatt Suban u Michael Attard Montalto; tat-22 ta’ Frar 2001 fejn xehed Franco Buttigieg; tat-3 ta’ Mejju 2001 fejn xehed Andrew Magri Overend; tat-3 ta’ Lulju 2001 fejn xehed il-konvenut Joe Lautier; tal-21 ta’ Novembru 2001; tas-6 ta’ Marzu 2002 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi tas-socjeta’ konvenuta maghluqa. Fuq talba ta’ Dr. Joseph Bonnici, il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ 30 gurnata lis-socjeta’ attrici biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghall-lum 27 ta’ Gunju 2002 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici tat-23 ta’ April 2002 u dik tas-socjeta’ konvenuta tal-15 ta’ Mejju 2002.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta’ Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta’ attrici ghamlet din il-kawza *stante* li qed issostni li s-socjeta’ konvenuta xtrat minghandha merkanzija tal-valur ta’ Lm736.59 fit-3 ta’ Novembru 1993 li baqa’ ma thallasx mis-socjeta’ konvenuta.

Illi s-socjeta’ konvenuta min-naha taghha qed issostni li ma ghandha taghti l-ebda ammont lis-socjeta’ attrici, *stante* li fl-ewwel lok kienet hallset tal-istess materjal, izda fi kwalunkwe kaz l-materjal fornit ma’ kienx tal-kwalita’ pattwita u ghalhekk tali materjal kellu jigi ritornat, u minflok l-istess socjeta’ attrici kellha tforni lis-socjeta’ konvenuta b’materjal iehor. Dan fil-fatt sar, ghalkemm is-socjeta’ konvenuta xorta wahda ghad baqghala tiehu xi ammonti.

Illi ovvju li f'dawn ic-cirkostanzi hija s-socjeta' konvenuta li ghandha l-oneru ta' prova kemm tal-pagament li allegatament sar tal-istess konsenja mertu tal-kawza attrici, u wkoll li kienet intlahqet transazzjoni bejn il-partijiet fis-sens kif minnha allegat, u dan abbazi tal-principju bazilari ta' min jallega jrid jipprova.

Illi in sosten tal-allegazzjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta produciet lill **Joseph Lautier**, direttur tal-istess socjeta' li b'affidavit tieghu datat 25 ta' Ottubru 1999 (fol.35) qal li kien ircieva minghand is-socjeta' attrici konsenja ta' *"actylic and silicone sealant".* Ircevew ilmenti mill-klijenti taghhom li l-istess konsenja ma kienitx tajba, u kkuntatjaw lil Franco Buttigieg u lil Michael Attard tas-socjeta' attrici, li min-naha tieghu qallu li kien gej rapprezentant tas-socjeta' fornitrici li kellu jara l-prodott supplit. Illi fis-26 ta' Ottubru 1993 kien gie Philip T. Marsden li qabel li l-prodott ma kienx tajjeb u kemm Michael Attard u kemm l-istess rapprezentant qabblu li kellu jintrema kollox b'dan li s-socjeta' konvenuta tigi kkumpensata. L-ittra tat-28 ta' Ottubru 1993 skond l-istess xhud, mibghuta minn Philip Marsden tikkonferma dan kollu. Saru talbiet ghar-rifuzzjoni fl-ammont ta' Lm856, l-ewwel talba ta' Lm313.50 u t-tieni talba datata 9 ta' Novembru 1993 ta' Lm542.50, u allura s-socjeta' attrici kellha taghti lura lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' Lm856. Minflok Michael Attard offra li jaghtihom *"acryllic sealant"* u fil-fatt fid-29 ta' Ottubru 1993 gew konsenjati 3070 flixkun ghall-prezz ta' Lm614, apparti zebgha fl-ammont ta' Lm122.59, b'dan li hija s-socjeta' attrici li ghandha taghti l-ammont ta' Lm119.41 lis-socjeta' konvenuta.

Illi in kontro-ezami fit-3 ta' Lulju 2001 sostna li ma jafx jekk kienx hemm xi haga bil-miktub mis-socjeta' attrici dwar dan l-arrangament. Sostna li jaf huwa li d-ditta estera kellha terga tibghat ix-xoghol lis-socjeta' attrici, li min-naha taghha kellha taghtih lura lis-socjeta' konvenuta sabiex jissostitwixxi l-allegat xoghol hazin fornit lilha. Skond l-istess xhud naghtu bil-miktub lis-socjeta' attrici sabiex thallashom lura l-ammont ta' Lm856 u dan permezz ta'

fax. Pero’ jaf li hadu xi prodotti li kellhom jitnaqqsu mill-istess ammont.

Illi xehdet ukoll **Lourdes Fenech Lautier** permezz ta’ affidavit taghha datata wkoll 25 ta’ Ottubru 1993 (fol. 43) fejn ikkonfermat it-tezi tax-xhud precedenti, u jista’ jinghad li l-affidavit taghha huwa identiku ghal dak ta’ Joseph Lautier.

Illi xehed ukoll fis-17 ta’ Marzu 2000 **Michael Attard Montalto,** li kien Technical Manager tas-socjeta’ attrici, li ftakar li s-socjeta’ konvenuta kellha xi merkanzija ta’ *“acrylic and silicone sealant”* li kien difettuz u kien ivverifika dan huwa wkoll u fil-fatt giet id-ditta estera Valance xi xahar wara dan l-ilment, u gie Philip Marsden rapprezentant tas-socjeta’ estera li qabel li tali merkanzija kienet hazina u is-socjeta’ estera kellha tirrimpjazza din il-merkanzija; sostna li *“kif nirrangaw mas-socjeta’ estera fuq il-bazi li semmejt ahna nghaddu jew l-istess merkanzija li tkun intbaghtet lilna jew inkella inhallsu taghha, cioe’ ta’ dik li kienet hazina lill-istess socjeta’ konvenuta”.*

Illi l-istess xhud rega’ xehed fit-30 ta’ Jannar 2001 (fol. 71) li qal li kien spicca jahdem fiz-zmien tat-*take over* tas-socjeta’ attrici fil-1995, u saz-zmien li kien hemm is-socjeta’ konvenuta ma gietx ikkumpensata. Sostna li huwa kien ikkonstatata li dik il-konsenja minn xi *contanier* kienet hazina. Ma setax jghid jekk tali merkanzija s-socjeta’ konvenuta kienitx gja hallset ghaliha. Ma jafx jekk kienx sar ftehim bil-miktub pero’ kien hemm xi korrispondenza. Minn mindu telaq mis-socjeta’ attrici mas-socjeta’ konvenuta ma kellux kuntatt. Ra l-ittra mibghuta direttament minn barra lis-socjeta’ konvenuta datata 28 ta’ Ottubru 1993, u ra l-fax datata 9 ta’ Novembru 1993.

Illi **Rita Gatt Suban** xehdet fit-30 ta’ Jannar 2001, u sostniet li hija kienet Sales and Marketing Manager tas-socjeta’ attrici u taf li darba s-socjeta’ konvenuta lmentat li kellha konsenja hazina supplita` lilha, u fil-fatt ir-rapprezentanti ta’ barra, wara li vverifikaw kien qabblu li kienu ser jikkompensaw lis-socjeta’ attrici, kif fil-fatt sar.

Skond hija kienet saret klawsola fil-kuntratt tax-xiri tal-ishma tas-socjeta’ attrici li s-socjeta’ konvenuta kellha tigi kkompensata, u dan b’xoghol iehor jew flus. Is-socjeta’ konvenuta fil-fatt kienet harget cekk li fuqu kienet ghamlet *stop payment.* Wara telqet minn mal-kumpanija w allura ma tafx x’gara. Illi skond hija din il-klawsola saret fil-kuntratt li sar f’Gunju 1993.

Illi in kontro-ezami sostniet li hija telqet minn mas-socjeta’ attrici ghaliex fethet kumpanija ghal rasha u dan wara li talbet sabiex hija tixtri ix-*shares* tas-socjeta’ attrici, liema talba ma gietx accettata.

Illi **Franco Buttigieg** xehed fit-22 ta’ Frar 2001 li huwa qabel kien jahdem mas-socjeta’ attrici u sostna li jaf li l-istess socjeta’ konvenuta kellha ilment dwar merkanzija ta’ *silicone* li kienet giet ikkonsenjata lilha mis-socjeta’ attrici; ma jafx jekk l-ammont tal-prodott li sar l-ilment fuqu kienx zghir jew kbir pero’ kien gie rapprezentant minn barra li kien ra l-istess merkanzija; sostna li sa fejn jaf hu l-materjal ma kienx ritornat lis-socjeta’ attrici, izda kellha tohrog *credit note* mis-socjeta’ attrici.

Illi **Andrew Magri Overend,** Managing Director tas-socjeta’ attrici xehed fit-3 ta’ Mejju 2001 (fol.98) u kien dahal f’din il-posizzjoni f’Gunju 1995 u wara l-ezami li sar sabiex jigu verifikati d-debituri tal-istess socjeta’, huwa kkuntatja lis-socjeta’ konvenuta dwar id-debitu taghhom mertu tal-kawza odjerna, u dawn qatt ma qalulu xejn u ghalhekk saret il-kawza. Wara li saret il-kawza s-socjeta’ konvenuta sostniet b’dikumentazzjoni esebita f’din il-kawza li kien sar ftehim ta’ tpacija dwar l-istess mal-*management* ta’ qabel, izda dan ma giex accetatat mis-socjeta’ attrici peress li *“l-bilanc li kien hemm dovut kien totalment ghall-affarijiet differenti milli kienu qed jghidu huma, u komplejna l-kawza”.* Dokumenti dwar din l-allegata tpacija ma kien hemm xejn, u lanqas *credit notes* ma kienu jezistu dwar dan il-kaz, u lanqas xi *return notes*.

Illi in kontro-ezami sostna li huwa dokumenti dwar xi ftehim mas-socjeta’ konvenuta qatt ma sab u d-ditta Valance kellha wara tali korrispondenza timxi direttamant

mas-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk is-socjeta’ attrici ma kellhiex kuntatt maghha. X’gara fil-fatt minn dan l-arrangament bejn id-ditta estera u d-ditta konvenuta ma kienx jaf jghid.

Illi fl-ewwel lok jigi innutat, kif *di piu’* din il-Qorti gja innutatat aktar il-fuq, li fi proceduri gudizzjarji nostrali japplika dejjem il-principju li min jallega jrid jipprova huwa l-allegazzjonijiet tieghu u dan b’rispett ghall-massima *“qui allegat probat”.*

Illi stabbilit il-premess ma hemm l-ebda dubju lanqas li s-socjeta’ konvenuta bl-eccezzjonijiet taghha ammettiet li hija kienet irceviet il-konsenja mertu tal-kawza odjerna, u dan ma jistax ikun mod iehor *stante* li hija fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni sostniet, li hija hallset tal-istess xoghol li gie supplit lilha, pero’ peress li allegat li kien hemm xoghol hazin ghaliex l-merkanzija ma kienitx tal-kwalita’ pattwita, kien intlahaq ftehim mas-socjeta’ attrici li l-istess ammont li hija qed tghid li hallset ghall-merkanzija medessima kellu jigi pacut ma’ merkanzija ohra li kellha tigi fornita mis-socjeta’ attrici.

Illi mela dan ifisser li fl-ewwel lok is-socjeta’ konvenuta trid tipprova li kien hemm tali hlas ghall-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, u fit-tieni lok li l-istess oggetti mill-imsemmija konsenja kienu difettuzi, u li in vista ta’ dan intlahaq il-ftehim mas-socjeta’ attrici kif allegat mis-socjeta’ konvenuta.

Illi dwar l-ewwel punt tal-hlas, apparti konsiderazzjonijiet legali li din il-Qorti ser titratta iktar il-quddiem, jidher li l-istess socjeta’ konvenuta ma gabhet l-ebda prova kwalunkwe; hija dejjem allegat li hallset l-istess ammont, u sa gabhet rappresentanti li kienu jahdmu mas-socjeta’ attrici sabiex tipprova tikkonvinci lill-Qorti li dan il-hlas sar, pero’ in verita’ l-ebda prova dokumentarja ma ingabhet sabiex tigi sostanzjata din l-allegazzjoni tas-socjeta’ konvenuta, li l-oneru kien fuqha li taghmel dan, u dan permezz tal-ahjar prova, li fic-cirkostanzi odjerni, kienet tikkonsisti fir-ricevuta rilaxxata mis-socjeta’ attrici dwar l-istess kreditu pretiz u formanti l-mertu tal-kawza odjerna.

Dan indubbjament l-istess socjeta' konvenuta ma ghamlitux f'din il-kawza, nono*stante* li kellha z-zmien kollu taghmel dan meta l-mertu jirrisali ghas-sena 1993, u l-kawza ilha istitwita mill-15 ta' April 1996, u l-istess socjeta' konvenuta ghalqet il-provi taghha biss fis-seduta tat-22 ta' Frar 2001.

Illi mela dan in-nuqqas ta' prova ta' hlas, jimmilita kontra t-tezi avvanzata mis-socjeta' konvenuta, pero' dan mhux biss ghaliex jidher ukoll li l-istess allegazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, fi kwalunkwe kaz mhux pruvati, qatt ma setghu reggu fil-kuntest tal-pretensjoni tas-socjeta' attrici, u dan sempliciment ghall-fatt, li d-dati ma jinkwadrawx ruhhom fl-optika tal-azzjoni attrici.

Illi nfatti ma hemm l-ebda dubju li l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici jirreferu ghall-*invoice* datata 3 ta' Novembru 1993 u dan kif jidher mid-dokument esebit a fol. 8 tal-process, liema dokument qatt u fl-ebda stadju tal-kawza ma gie kkontestat mis-socjeta' konvenuta. Illi tenut kont tal-istess data tat-3 ta' Novembru 1993, jirrizulta li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta dwar l-allegat xoghol difettuz spedit lilha mis-socjeta' attrici jirrisalu ghal data qabel l-imsemmija data tal-*invoice,* tant li mid-dokumenti esebiti mal-affidavit ta' Joseph Lautier jirrizulta li rapprezentant tas-socjeta' estera kien gie Malta sabiex jezamina xi merkanzija li s-socjeta' konvenuta kienet ilmentat li kienet difettuza qabel id-data tal-ittra tieghu lis-socjeta' konvenuta fit-28 ta' Ottubru 1993, w allura tohrog wahedha, li tali spezzjoni qatt ma setghet tirreferi ghall-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, peress li f'dik id-data tal-vista minn Philip T. Marsden, li kienet qabel l–istess ittra tat-28 ta' Ottubru 1983, u li ghaliha l-istess persuna taghmel riferenza ghaliha fil-paragrafu ta' qabel tal-ahhar tal-imsemmija korrispondenza (fol.39), l-istess merkanzija li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna, kienet ghadha mhux fornita lis-socjeta' konvenuta, ghaliex din giet ikkonsenjata biss fit-3 ta' Novembru 1993.

Illi mela allura t-tezi tas-socjeta' konvenuta ma tistax tvinci fil-kuntest u fil-konfront tal-pretensjoni attrici, u dan peress li l-kawza attrici saret abbazi tal-istess imsemmija

konsenja tat-3 ta’ Novembru 1993, u l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta jirreferu necessarjament ghal dik il-konsenja, u certament ma jistax ikun mod iehor, ghaliex din il-kawza tikkoncerna, biss u unikament il-hlas tal-istess konsenja. La darba irrizulta li dak kollu li intqal mis-socjeta’ konvenuta jirreferi ghall-merkanzija li kienet gja fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta qabel it-28 ta’ Ottubru 1993, certament li ma jistax ikun li kwalunkwe allegat ftehim mas-socjeta’ attrici kien jirreferi ghall-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna li giet spedita minnha lis-socjeta’ konvenuta biss fit-3 ta’ Novembru 1993, u ghalhekk abbazi tal-premess, l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta assulutament ma tistax tirnexxi.

Illi dan apparti l-fatt li la darba s-socjeta’ konvenuta qed tallega li kien sar ftehim mas-socjeta’ attrici, hija kellha, kif inghad l-oneru tal-prova ta’ dan il-ftehim, liema oneru fl-opinjoni tal-Qorti ma giex sodisfatt, *stante* li l-korrispondenza li giet esebita kienet tirreferi biss ghal dak li sar bejn is-socjeta’ Vallance & Co. Limited u l-istess socjeta’ konvenuta, u kienet tirreferi ghall-ftehim li kien qed isir bejn l-istess socjeta’ lokali u s-socjeta’ estera, dwar fornitura ta’ prodotti direttament mill-istess ditta estera lis-socjeta’ konvenuta. Illi jidher li fl-istess korrispondenza u proposti hemm indikati, li lanqas jista’ jinghad li huwa ftehim, *stante* li hija biss dikjarazzjoni unilaterjali mid-ditta estera tramite r-rapprezentanti taghha, l-istess socjeta’ attrici hija ghal kollox estranea, u ghalhekk qatt ma jista’ jinghad li l-istess socjeta’ attrici, abbazi tal-ittra tat-28 ta’ Ottubru 1993, dahlet f’xi forma ta’ ftehim mas-socjeta’ konvenuta, anke ghaliex ma hijiex lanqas firmatarja tal-istess ittra, anzi hija *‘res inter alios acta’* fil-konfront taghha.

Illi dan apparti diversi nkonsistenzi fix-xhieda prodotti mill-konvenuti, fejn f’mument jallegaw li kellha tohrog *“credit note’* mis-socjeta’ attrici, liema *credit note* qatt ma gie ppruvat li fil-fatt tezisti, f’mument iehor fl-istess xhieda jinghad li s-socjeta’ attrici kellha tirrifondi l-flus lura; f’parti ohra tax-xhieda jinghad li s-socjeta’ attrici ssostitwiet l-istess merkanzija allegat difettuza b’ohra ordnata mill-istess socjeta’ konvenuta; u iktar sinifikanti l-fatt li skond l-

*invoice* stess esebita mis-socjeta' konvenuta bhala Dok. "C" a fol. 41 tal-process, bhala prova ta' merkanzija li l-istess socjeta' attrici fornit minflok dik allegatament difettuza, hija datata 29 ta' Ottubru 1993, li hija data qabel il-konsenja tal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, li giet spedita biss fit-3 ta' Novembru 1993; u fl-ahharnett li fiz-zewgt *invoices* esebiti mis-socjeta' konvenuta a fol. 41 u 42 tal-process (l-ahhar wahda lanqas id-data ma tidher) l-istess inkartamenti jindikaw affari ta' bejgh *ut sic* u l-ebda forma ta' transazzjoni jew tpacija, tant li l-istess socjeta' konvenuta giet debitata bl-ammonti rapprezentanti l-valur tal-istess konsenji medessimi u l-kliem *"Sale made by….."* huwa fil-fatt indikattiv u konferma ta' dak li qed jigi hawn deciz.

Illi dan mhux biss, izda jidher car li mill-eccezzjonijiet, dikjarazzjoni u provi tas-socjeta' konvenuta, li l-istess socjeta' konvenuta, qed issostni li kienet lahqet xi forma ta' transazzjoni bejn il-partijiet odjerni, u apparti l-fatt li din assulutament ma gietx ippruvata, jibqa' l-fatt li transazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 1233 (1) (d) tal-Kap 16** ma hijiex valida jekk ma ssirx in iskritt.

Illi fil-fatt fil-kuntest tal-istess ma hemmx dubju li trattandosi ta' transazzjoni dwar beni mobbli, n-necessita' ta' skrittura privata hija rikjesta' *"ad validitatem",* kif hemm provdut fl-**artikolu 1233 (1) (e) tal-Kap 16**, tant li l-istess artikolu jiddisponi li tali kuntratti *"taht piena ta' nullita`"* ghandhom isiru almenu b'kitba privata.

Illi skond is-sentenza **"Deidre Cachia vs Gaba Diamonds Company Limited"** (P.A. RCP) 8 ta' Novembru 2000) *"ma hemm l-ebda dubju wkoll li sabiex l-istess kitba privata tkun valida` din ghandha tkun iffirmata minn kull wahda mill-partijiet, kif jidher car inferit mill-istess* ***artikolu 1233 (2),*** *u huwa car li b'effett tad-disposizzjonijiet tal-****artikoli 1232,*** *fejn il-forma skritta hija rikjesta "ad validitatem", tali nuqqas ta' forma fl-istess skrittura ma jistax jigi supplimentat b'xhieda jew mezzi ohra maghrufin fl-istess* ***Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili".***

Illi fil-fatt gie ritenut illi *“meta element essenzjali jkun jrid jirrizulta minn skrittura jew kuntratt, jekk tali element jonqos, provi testimonjali ma humiex ammissibbli biex jigi supplit l-element nieqes. Tali prova hija lecita biss li ssir biex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f’xi patt incidentali jew accessarju” (*Vol. XXXII.i. 26).

Illi tant huwa hekk li fis-sentenza **“Joseph Baldacchino et nomine vs Carmelo sive Charlie Camilleri”** (A.C. 5 ta’ Ottubru 1998) gie ritenut illi sabiex skrittura tkun valida ai termini tal-**artikolu 2133** jehtieg li din tkun *inter alia “tirrispekkja l-volonta’ tal-kontraenti riflessa bil-firem taghhom”*

Illi huwa a bazi ta’ dawn il-principji li gie stabbilit illi jekk skrittura ma tigix iffirmata miz-zewg partijiet jew inkella l-awtentikazzjoni tal-firem ma ssirx kif stabbilit mill-ligi, tali skrittura ghandha tigi ritenuta nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. **(“Paul Baldacchino vs Consiglio Vella” -** P.A. E.M. 18 ta’ Frar 1964 - XLVIII.ii.826).

Illi fis-sentenza **“Alfred St. John vs Robert Magri”** inghad illi skond **l-artikolu 1233** *“ghandhom isiru permezz ta’ att pubbliku jew skrittura privata l-lokazzjonijiet ta’ immobbli meta z-zmien jeccedi sentejn jekk ikun post urban, u l-istess ligi tghid illi f’kaz ta’ skrittura privata, din, jekk ma tkunx iffirmata personalment (di proprio pugno) minn kull parti ghandha tigi awtentikata skond l-artikolu 634 (gia 644)* (tal-Kap 12) *u dan taht il-piena ta’ nullita’. Ghalhekk, kif din il-Qorti rriteniet fis-sentenza **“Vella vs Carroll**” fit-12 ta’ Gunju 1944 (A.I.) meta il-ligi trid dik il-formalita’ taht piena ta’ nullita’, dik il-formalita’ ghandha tigi osservata…………..meta dik l-iskrittura ghandha isservi “ad validitatem”, ikun mehtieg, taht piena ta’ nullita’, illi jkun osservati l-formalitajiet stabbiliti mil-ligi”* (A.C. 4 ta’ Dicembru 1944. XXXII.i.92) **(“Giuseppina Vella vs William Carroll” -** A. C. 12 ta’ Gunju 1944 - XXXII.i. 686).

Illi ghalhekk fil-kuntest tal-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li mill-provi jirrizulta li l-ebda skrittura ta’ transazzjoni ma giet iffirmata u ghalhekk l-eccezzjoni tal-istess socjeta’

konvenuta ma tistax tirnexxi minhabba din il-konsiderazzjoni legali wkoll.

Illi fil-fatt it-transazzjoni hija definita skond **l-artikolu 1718 tal-Kap 16** bhala *"kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir".*

Illi infatti ***Albertio Trabucchi*** fil-trattat **"Istituzioni di Diritto Civile"** jghid li *"la transazione infine e' il-contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia' cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni … … La transazione non puo' essere provata con testimoni; richiede la prova scritta"* (pagni 851; 852).

Illi jekk wiehed ukoll jezamina mbaghad l-azzjoni attrici fil-kuntest tal-istitut ta' tpacija ecceppiet mis-socjeta' konvenuta wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li kif intqal fis-sentenza **"Felix Mifsud vs Joseph Camilleri Fava *nomine"*** (P.A. (RCP) 31 ta'Jannar 2001) ir-regoli ta' tpacija jiddisponi li din ssehh *ipso iure* skond l-**artikolu 1196 tal-Kap 16** meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, u b'hekk issir bejniethom it-tpacija *ipso iure. "Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.* ***L-artikolu 1197 tal-Kap 16*** *jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom somma ta' flus …li jkunu it-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu".*

Illi fis-sentenza **"Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella"** (P.A. (AJM) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha innifisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et"*** - A.K. (C.S.) 18 ta' Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"Stefan Zrinzo Azzopardi *nomine vs.* Michael Vella *nomine"*** – K. (AM 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371).

Illi fis-sentenza **"Onor. Carm Lino Sipteri vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"** (A.C. (H.H.) 25 ta' Jannar 1988 – LXXII.iii. 157 inghad illi *"nfatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1995 fil-kawza* ***"G. Schembri vs G. Chircop"*** *ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu u esigibbli, huwa ma jistax jeceppixxi l-kompensazzjoni. U ghalkemm il-likwidita` ta' zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr…. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (Vol. XVII.iii.4).*

Illi fil-kawza **"Paul Abela *nomine vs* Paul Laferla *nomine*"** (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura inghad li *"ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-ilmenti tas-socjeta' konvenuta ma jistghu qatt iwasslu sabiex tigi accettata l-eccezzjoni ta' tpacija, ghaliex f'dan il-kaz mhux qed jigu kkunsidrati krediti tal-partijiet rispettivi, li huma certi, likwidi, u dovuti bejniethom, izda in verita' dak li s-socjeta' konvenuta qed tipproponi bhala tpacija huwa biss pretensjoni u vantazzjoni min-naha taghha dwar allegata fornitura ta' merkanzija diffettuza, li ma setghetx issehh *ipso iure,* izda biss bi ftehim u koncessjoni mis-socjeta' attrici, li setghet biss waslet ghall-kuncett ta' transazzjoni, u xejn izjed, liema transazzjoni, kif gia gie indikat, ma jistax jinghad li tissussisti f'dan il-kaz, anke ghaliex lanqas il-forma skritta *'ad validitatem'* ma tezisti. Certament ghalhekk li abbazi ta' dawn l-insenjamenti l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qatt ma jista' jinghad li tidhol fil-parametri ta' tpacija *ipso iure.*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi milqugha u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta michuda.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' Lm736.59, bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata;

B'interessi legali mid-data tat-3 ta' Novembru 1993 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 1996 kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2002**